# SME HELPDESK

Pubblikazzjoni 01
9 ta' Diċembru 2013

INFORMAZZJONI MIGJUBA MILL-ASSOCJAZZJONI TA' MIN IHADDEM

# MEA - Issa ghandna wkoll SME Helpdesk

L-MEA għandha il-pjaċir tħabbar li waqt attivita li ġiet organizzata mil-istess Assocjazzjoni ta min Iħaddem, nhar il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru 2013, sar l-*"official launch"* tal-*SME Helpdesk*.

Kien *business breakfast* li għalieħ kienu mistednin dawk l-*employers* u sidien ta' negozji żgħar li fil-passat kienu f'kuntatt mal-Assocjazzjoni kif ukoll xi oħrajn li laqgħu l-istedina li saritilhom. L-attvita tmexxiet mid-Direttur Ġenerali tal-MEA, is-Sur Joe Farrugia, u indirizzaw lil dawk preżenti, il-President attwali, is-Sur Arthur Muscat, kif ukoll l-uffiċċjal eżekuttiv responsabbli mil-*SME Helpdesk*, is-Sur Anton Vella.

Fl-assenza tal-Onorevoli Ministru Chris Cardona, għaliex kien imsiefer, indirizza lil udjenza is-Sur George Francalanza, uffiċċjal għoli fi ħdan il-*Malta Enterprise*.

Interessanti kien il-fatt li l-attivita giet indirizzata ukoll min tlett intraprendituri ewlenin f'pajjiżna, li fis-snin li għaddew ġew magħżula mil-Kummissjoni Ewropea, sabiex jirrapreżentaw lil Malta flimkien ma rappreżentanti oħrajn minn kull pajjiż membru fl-Unjoni Ewropea. Dawn it-tlieta li huma qasmu ħsibijiet, u tawna l-esperjenzi tagħhom fil-mixja ta' suċċess, fin-negozju li huma jmexxu.

Onorana ukoll bil-prezenza tiegħu l-Onorevoli Michael Falzon, Kummissarju responsabbli mis-Simplifikazzjoni u it-tnaqqis tal-Burokrazija, fl-uffiċċju tal-Prim Ministru.

Kienu preżenti għal-*business breakfast*, numru ta' uffiċċjali mill partiti politici, kif ukoll membri parlamentari kemm minn naħa tal-Gvern kif ukoll mill-oppozizzjoni.

Suġġetti oħra li ġew diskussi waqt l-attivita ta' nofs ta' nhar, kienu in-negozji tal-familja, u iż-żagħżagħ u l-imprenditorija, diskussjonijiet li tmexxew mis-Sur

**Segretarjat ta' l-MEA:**

*Direttur Generali*
Joseph Farrugia

*Executive in EU & Legal Affairs*
Dr Charlotte Camilleri

*SME Helpdesk Executive*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

© Dan il-fuljet hu ippreparat u ccirkulat mill-:
ASSOCJAZZJONI TA' MIN IHADDEM
35/1, South Street, Valletta
VLT 1100, Malta
Tel: (+356) 21237585 / 21222992
24/7 Tel: (+356) 21222006
Fax: (+356) 21230227
admin@maltaemployers.com
www.maltaemployers.com
www.facebook.com/MaltaEmployersAssociation

**Corporate sponsor:**

Mario Duca, u is-Sur Euchar Sultana rispettivament.

Dr. Charlotte Camilleri, f'isem l-Assocjazzjoni ta min Iħadem kienet ukoll preżenti sabiex twieġeb għal mistoqsijiet mill-latt legali.

……Kienet l-ewwel attivita tax-xorta tagħha li ġiet organizzata mill-Assocjazzjon ta' min Iħadem (MEA), iżda żgur li mhix sejra tkun l-aħħar waħda. L-*SME Helpdesk* twaqqaf sabiex minn issa –il quddiem jibda jservi ta' għodda għal dawk is-sidien, *employers* ta' negozji żgħar, li jkunu jehtieġu l-għajnuna. Dan hu servizz ieħor addizzjonali ma' dak kollu li sal-lum kienet, għadha, u ser tibqa tagħti l-MEA.



Kull min jixtieq li jagħmel kuntatt mal-*Helpdesk*, jista jagħmel dan billi jikkomunika mas-Sur Anton Vella bill jibghat email fuq **anton.vella@maltaemployers.com** jew jagħmel użu mis-servizz ġdid ta' *telephone helpline* fuq in-numru **21 222 006**, ihalli ismu u in-numru fejn nistghu nikkuntattjawħ, u b'hekk inkunu nistgħu nirritornaw it-telefonata mill-aktar fis possibbli.